ĦADD WARA T-TRINITÀ QADDISA
TIFKIRA TAL-ĠISEM U D-DEMM TA' KRISTU

Daħla: Illum qed niċċelebraw is-solennità tal-Ġisem u d-Demm Prezzjuż ta' Kristu. Qabel miet bi tpattija għal dnubietna, Ġesù ħallielna ikel speċjali li bih ikollna l-garanzija tal-ħajja eterna. Id-Demm tal-Mulej hu l-Patt il-Ġdid li l-Missier tas-Sema għamel magħna. Meta nieklu l-Ġisem Għażiż ta' Ġesù nirċievu l-ħajja eterna. Ejjew niftakru kemm swiet għal Alla s-salvazzjoni sħiħa tagħna. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

L-Ewwel Qari: Fl-Antik Testment, insibu ħafna stejjer li jippreparaw għas-Sagrament tat-Tqarbin. Tallum hi t-tifkira ta' x'għamel il-Mulej mal-Poplu tiegħu fi triqtu lejn l-Art Imwegħda speċjalment meta pprovdielhom il-manna li hi simbolu tal-Ħobż li ġie mis-Sema.

Responsorju tas-Salm: **Sebbaħ Ġerusalemm lill-Mulej.**

It-Tieni Qari: It-Tqarbina hi l-aqwa mod kif Ġesù jorbotna flimkien miegħu u bejnietna.

> ***Sekwenza*** (tista' tingħad jew le). Staqsu liċ-Ċelebrant qabel il-quddiesa u ftehmu mal-Qarrej tat-Tieni qari.

Offertorju:*(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Il-ħobż u l-inbid li noffru jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tas-Salvatur tagħna Ġesù bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu. Ejjew noffru l-aqwa ġid tagħna b'qalb umli u mimlija gratitudni. Inkantaw...

Tqarbin: *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Il-wegħda ta' Ġesù hi: "Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem". Ejjew nersqu b'fidi nirċievu dan il-Ħobż li ġie mis-Sema u li jwassalna sad-dar tal-Missier. Nitqarbnu b'umiltà u bi gratitudni. Inkantaw.....

Ringrazzjament: *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*

“Min jiekol ġismi ... jibqa’ fija u jiena fih”. Ġesù grazzi li tħobbna daqshekk, li ridt tkun daqshekk qrib tagħna. Ħuti, irroddulu ħajr lil Missierna ta’ din l-ikla bil-Ġisem ta’ Ibnu Ġesù li biha qiegħed jgħaqqadna għal dejjem miegħu. Nuru dan ir-radd il-ħajr billi ngħidu (JEW) inkantaw...

Kant tal-Għeluq…